# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 3 ta' Gunju 2002**

**Avviz. numru 286/02**

**Numru 32**

**Maresco (Trading) Limited**

**vs**

**Poseidon Fisheries Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna ts-socjeta' konvenuta ghall-hlas tal-ammont ta' tlett elef hames mija u tlettax-il lira Maltija (Lm3,513.00) dovuti bhala prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenajta lill-konvenut, liema merkanzija giet debitament accettata mill-konvenut (vide l-statement anness mal-avviz mmarkat Dok A). Dan l-ammont gie accettat mill-konvenut permezz ta' zewg kambjali li skadew u mmaturaw fil-31 ta'

Dicembru 2000 u fit-30 ta' Gunju 2001 rispettivament. (Vide kopji mmarkati bhala Dok B u Dok C) annessi mal-avviz.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tal-5 ta' Marzu 2002 u ta' l-ittra ufficjali datata 14 ta' Marzu 2002 kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzoni.

Wara li rat id-dokumenti esebiti a fol 2 sa fol 6 tal-atti;

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fid-29 ta' Mejju 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm3,513.00,0 bl-imghax legali mid-data ta' skadenza tal-kambjalijiet esebiti in atti a fol 3 u fol 4 sad-data tal-pagament

effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-5 ta’ Marzu 2002 u ta’ dik ufficjali tal-14 ta’ Marzu 2002.

Alan Calleja
Deputat Registratur